MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Numru. 985/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**EMANUEL CAUCHI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Emanuel Cauchi** ta' 55 sena, iben il-mejtin Joseph u Bernarda nee' Agius, imwieled Pieta nhar is-27 ta' Dicembru 1956, residenti gewwa Block A, Flat 4, Triq it-Tarzna, Isla detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 39557M, gie akkuzat talli:

1. Nhar is-27 ta' Settembru 2012, gewwa il-fond Block A, Flat 4, Triq it-Tarzna, Isla, volontarjament hebbejt ghall-persuna ta' ibnek Chrismar Cauchi u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghek.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunajt griehi ta' natura hafifa permezz ta' strument li jaqta u/jew bil-ponta fuq il-persuna ta' Chrismar Cauchi skond kif iccertifikat Dr.Stephanie Sofia mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat li dawn l-atti gew rimessi lil din il-Qorti in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali tad-29 ta` April 2014;

Rat l-ammissjoni ta` l-imputat anki wara li inghata zmien skond il-ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet dwar il-piena;

Qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, specjalment id-diffikultajiet socjali li hemm fi hdan din il-familja, il-fatt li iben l-imputat hafer lill-missieru, il-fatt li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija, il-fatt li l-familja kollha ghadha tghix maghquda taht saqaf wiehed,  u fuq kollox il-fatt li l-imputat jinsab taht il-kura tat-Tabib Psikjatra David Cassar.

**U GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41, 214, 215, 216, 217, 218, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib u tiddikjara lil Emanuel Cauchi hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ta` tmintax-il (18) xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

**In oltre, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, qed tordna li l-hati jitqieghed taht is-supervizjoni ta` ufficjal sorveljanti ghal perjodu ta` erba snin mill-llum**.

Skond l-Artikolu 28A(4) u 28G(8) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lil Emanuel Cauchi, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija u/jew jekk ikun hemm nuqqas ta` konformita` ma` l-ordni mahrug bis-sahha ta` l-Artikolu 28G.

Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur, *Probation and Parole*, u li l-atti ta` dan il-procediment jintbaghatu lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------